Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 72/11

**Bartmik ta' l-Iklin Ltd** **(appellanti)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni** **(appellat)**

14 ta' Ottubru, 2016.

B'avviz ta' Likwidazzjoni datat 10 ta' Lulju 2006 relattiv ghas-sena ta' stima 2002, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni gharraf lis-socjetà rikorrenti li ghal dik is-sena ta' stima kienet dovuta minnha taxxa, imghax u taxxa addizzjonali fl-ammont ta' Lm4,972. B'ittra datata l-1 ta' Awissu 2006 is-socjetà rikorrenti oggezzjonat ghal dik l-istima u talbet ir-revoka ta' l-istess peress li:

"1. *Income assessed is not in accordance with the company's income tax return*;

2. *The company incurred a loss during that year and in previous years and accumulated losses have been ignored*.

*3. Tax charged is excessive since the company did not register a profit for the year in question.*

*4. No tax is due.*

*5. The company did not have any balances outstanding from previous years*."

L-oggezzjoni tas-socjetà rikorrenti giet michuda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Avviz ta' Rifjut mahrug fit-13 ta' Awwissu 2008. Fih jinghad:

*"2. L-oggezzjoni tieghek giet ikkunsidrata imma l-Kummissarju ma jistax jilqaghha ghar-raguni li:*

*Ma pprovdejtx il-kotba tan-negozju hekk kif mitlub li zzomm skont l-Art. 19 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa nkluz kontijiet xierqa dwar is-somma ta' flus kollha ricevuti jew minfuqa u l-hwejjeg li dwarhom ikunu saru r-ricevuti jew l-infieq. Barra minn hekk l-ircevuti li pprovdejt ma kinux mizmuma b'tali mod li l-income u t-tnaqqis permezz taghhom ikun jista' jigi accertat malajr. L-ircevuti pprovduti kollha kienu relatati man-negozju tal-proprjeta u xejn minn ma kienx relatat mad-dhul mill-barriera. L-ebda tnaqqis ma jista' jinghata kontra d-dhul minn royalties."*

Fl-10 ta' Settembru 2008, ir-rikorrenti appellat quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fejn argumentat:

*"1. Illi dak illi gie dikjarat fl-avviz tar-rifjut mhux veritjier. Illi l-allegazzjoni illi ma gewx provduti trade records hija nfondata. Bhala prova ta' dan, l-appellant qed jannetti l-annessa ricevuta debitament mahruga mid-Dipartiment. Dok. BTK04.*

*2. L-istima hija bbazata fuq apprezzament zbaljat tal-fatti.*

*3. Illi l-appellant ma rceviex il-qliegh illi qed jinghad illi rcieva.*

*4. Illi ma saritx investigazzjoni kif imiss relattivament ghall-hrug tal-istima. L-appellant ma nghatax opportunita' effettiva sabiex jaghmel sottomissjonijiet kif imiss u ma nghatax widen kif kien haqqu. L-investigaturi qabdu binarju prevenut kontra l-appellant u segwewh bl-ghama.*

*5. Illi jirrizulta, anke mill-atti ufficjali, illi l-Kummissarju kien inkonsistenti u inkoerenti."*

B'sentenza tas-7 ta' Jannar 2014, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad l-appell u kkonferma l-likwidazzjoni tat-taxxa li saret mill-intimat b'riferenza ghas-sena stima 2002.

Is-socjeta` Bartmik tal-Iklin Ltd appellat. L-aggravju hu illi s-sentenza inghatat b'effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza u t-Tribunal applika l-oneru tal-prova b'mod zbaljat. It-Tribunal injora li l-prova tal-ispejjez inkorsi kienet inghatat u tali prova tirrizulta mill-atti processwali. Prova tal-ispiza kienet diga' nghatat lill-intimat. L-effett ta' tali prova kellha tkun l-inverzjoni tal-oneru tal-prova. L-unika raguni ghalfejn l-intimat ma tax id-deduzzjoni kien minhabba li d-dhul tar-rikorrenti kien jikkwalifika bhala *royalty*. Tezi li t-Tribunal ma qabilx maghha. Ghalhekk ma kienx hemm raguni ghalfejn ma kellhiex tinghata deduzzjoni. Ladarba r-rikorrenti kienet diga' pprezentat il-provi lill-intimat, ma kien hemm l-ebda htiega li terga' tipprezenta l-istess prova quddiem it-Tribunal. Fin-nota ta' rifjuta mill-oggezzjoni, l-intimat stess iddikjara li r-ricevuti kienu relatati man-negozju tal-proprjeta. L-intimat qatt ma qal li kien hemm xi nuqqas fir-ricevuti. Fatt li gie njorat mit-Tribunal.

L-intimat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud (fol. 7). Ippropona wkoll appell incidentali bl-aggravju li r-*royalties* m'humiex *trading income* billi l-appellanti ma kinitx tifforma parti mill-operat tal-barriera li kien jitmexxa mill-konċessjonarju. Il-kuntratt ta' koncessjoni tal-barriera ma jistax jiġi deskritt bhala kuntratt ta' bejgħ. Ghalhekk talab lil din il-Qorti li:

1. tirrevoka l-parti tas-sentenza li ddeċidiet li d-dħul tas-soċjeta` appellanti mill-konċessjoni tal-barriera huwa qligħ minn negozju taxxabbli taħt l-artiklu 4(1)(a) tal-Kap 123 u minflok tipprovdi li d-dħul huwa *royalties* taxxabbli skont l-artiklu 4(1)(e) tal-Kap 123, u

2. tikkonfermaha għall-kumplament fejn caħdet l-appell tas-soċjeta` appellata u kkonfermat il-likwidazzjoni tat-taxxa maħruġa minnu.

Wara trattazzjoni li saret fl-ahhar seduta, il-qorti qrat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. **<u>Appell tar-rikorrenti</u>**.

Fl-ewwel lok il-qorti ma taqbilx mal-intimat li l-aggravju tar-rikorrenti, "*... huwa unikament ibbazat fuq il-fatt li hija ma qablitx mal-apprezzament tal-provi fattwali li ghamel it-Tribunal."* Skont l-artikolu 37(1) tal-Kap 372, appell mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva quddiem din il-Qorti jista' jsir *"fuq punt ta' liġi biss"*. Ir-rikorrenti ssostni li t-Tribunal ma tax kaz ta' provi li ressqet ir-rikorrenti, u li f'dan il-kaz l-oneru tal-prova ma kienx baqa' fuqha izda fuq l-intimat peress li kien hemm

inverzjoni tal-oneru tal-prova. Fil-fehma tal-qorti ilment bhal dan m'huwiex appell fuq apprezzament ta' fatti. Ghalhekk il-qorti ser tichad l-eccezzjoni preliminari.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Din il-konkluzjoni[1] twassal lit-Tribunal biex jittratta zewg kwistjonijiet ohra li huma centrali ghall-appell in ezami u cioè jekk il-capital allowances imnaqqsa mis-socjetà rikorrenti fil-prospett tat-taxxa taghha ghas-sena ta' stima 2002 li ma gewx accettati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jekk spejjez ohra reklamati mis-socjetà rikorrenti li wkoll ma gewx accettati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandhomx issa jigu accettati."* (fol. 9 tas-sentenza)

It-Tribunal ikkonkluda li:

i. Ir-rikorrenti *"... ma ndikatx u ma ressqitx prova ma x'hiex dan it-tnaqqis kapitali huwa llaccjat."*

ii. Fir-rigward tal-barriera, l-unika prova li ressqet ir-rikorrenti kienet ix-xhieda tad-direttur Bartolomeo Agius li dwar l-ispejjez iddikjara li, *"... ma jistax jirrispondi peress li hu ma kienx ikun hemm u dawn l-affarijiet kien jiehu hsiebhom Michael Agius, li pero' ghal xi raguni ma tressaqx bhala xhud mill-istess socjeta rikorrenti."* Il-qorti ghamlet riferenza ghal ftehim li r-rikorrenti kellha ma' Joseph Magri (skrittura privata tad-9 ta' Jannar 1996) fejn jinghad li Magri hu responsabbli, *"... ghall-hsarat u serq ta' makkinarju u ghodod; spejjez tad-dawl u elettriku a karigu tal-utilista."* It-Tribunal kompla jzid li f'dan ix-xenarju r-rikorrenti kellha dmir li taghti prova li dak li jinghad fil-ftehim ma kienx jirrifletti r-realta'. Prova li qatt ma saret.

iii. Fir-rigward tal-ispejjez amministrattivi li r-rikorrenti ssostni li ghamlet u li l-intimat m'accettax, hawn ukoll ir-rikorrenti ma tatx prova li saru dawk l-ispejjez.

It-Tribunal qal (pagna 10 tas-sentenza):

*"It-Tribunal mill-gdid ifakkar li ai termini ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-obbligu tat-taxpayer li jipprova li l-likwidazzjoni tat-taxxa kontestata hija eccessiva u jzid jghid li taxpayer ghandu mhux biss tali obbligu fil-Ligi izda addirittura interess personali li jressaq prova sodisfacenti in sostenn tal-posizzjoni tieghu. Fin-nuqqas ta' tali prova t-Tribunal ma jkunx jista' jiddetermina u konsegwentement jikkonkludi li llikwidazzjoni tat-taxxa kontestata hija effettivament eccessiva kif pretiz mit-taxpayer."*

Wara t-Tribunal ghadda biex jikkunsidra l-kwistjoni relatata mal-*margin of profit* ta' 26% in konnessjoni mal-izvilupp u bejgh ta' proprjeta, u qal (pagna 18 tas-sentenza):

*"Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jispjega kif wasal ghall-figura ta' spejjez accettati minnu bil-mod segwenti: l-ispejjez ta' zvilupp li gew accettati gew ristretti ghal figura li tirrapprezenta 74% tal-valur tal-bejgh ta' proprjetà. L-ammont ta' spejjez ta' zvilupp li ma*

[1] Il-konkluzjoni kienet li d-dhul li r-rikorrenti ghamlet mill-koncessjoni tal-barriera lil Joseph Magri matul is-sena bazi 1998, kienet taqa' taht il-kategorija ta' qligh jew profitt min-negozju taxxabbli taht l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap. 123 u mhux royalties kif kien qieghed isostni l-intimat.

*gewx accettati mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, minhabba li ma gewx sostnuti b'dokumentazzjoni,intwasal ghalih kif gej ...... Fil-kaz tas-sena ta' stima 2002, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien lest jaccetta b'kemm jiswew Lm4,660 spejjez izjed minn kemm fil-fatt talbet il-kumpannija appellanti.*

*Minn dan jirrizulta ghalhekk li s-socjetà rikorrenti kien jehtigilha tipprova b'mod sodisfacenti li kuntrarjament ghal dak pretiz mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) l-ispejjez minnha inkorsi fil-kuntest tal-bejgh ta' proprjetà kienu effettivament dawk minnha dikjarati fil-prospetti tat-taxxa taghha u mhux dawk accettati mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-percentwal ta' 74% mill-valur tal-bejgh tal-proprjetà. Din il-prova però ma tressqitx mis-socjetà rikorrenti li invece llimitat ruhha li tikkontendi tramite x-xhieda ta' Michael Sciortino illi gew esebiti l-accounts mad-Dipartiment izda dawn ma gewx accettati u r-raguni kienet illi fil-fehma tad-Dipartiment, is-socjetà suppost ghamlet margin ahjar jigifieri suppost ghamlet aktar qligh minn dan in-negozju. Minn naha tad-dipartiment gejna nfurmati illi suppost kien qed jintwera gross margin ta' 26% madanakollu ma nghatajniex spjegazzjoni minn fejn gie dan il-persentagg u kif inhadem – affermazzjoni din ta' l-ahhar li tirrizulta ghal kollox infondata mid-dokumentazzjoni li giet esebita tul is-smigh ta' dawn il-proceduri.*

*Fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà rikorrenti kellha mhux biss kull interess imma addirittura l-obbligu procedurali fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li l-piz tal-prova illi l-istima li dwarha jsir l-ilment hija eccessiva jkun ta' l-appellant, li tesebixxi fl-atti ta' dawn il-proceduri id-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-ispejjez minnha inkorsi in konnessjoni man-negozju tal-bejgh ta' proprjetà li kienet già giet sottomessa lid-Dipartiment sabiex it-Tribunal b'hekk ikun f'posizzjoni jiddetermina jekk l-ispejjez minnha dikjarati fil-prospetti tat-taxxa taghha kienux gustifikati u konsegwentement jasal ghall-konkluzjoni jekk il-margin of profit ta' 26% addottat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwiex wiehed eccessiv o meno. Fin-nuqqas ta' tali prova it-Tribunal ma jistax jaccetta li l-ispejjez konnessi man-negozju ta' bejgh ta' proprjetà kif dikajrati mis-socjetà rikorrenti fil-prospetti tat-taxxa taghha huma dawk korretti ghaliex jekk jaghmel hekk ikun qed jiddetermina l-kaz at face value u mhux permezz ta' provi validament u korrettament esebiti quddiemu.*

*B'hekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-margin of profit tas-socjetà rikorrenti minn negozju tal-bejgh ta' proprjetà huwa ta' 26% kif korrettament likwidat u konsegwentement applikat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."*

Mal-appell li pprezentat quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, ir-rikorrenti pprezentat kopja ta' ricevuta mahruga mill-intimat u datata 11 ta' Mejju 2007 fejn jinghad hekk:

*"The department is in possession of the following documents, handed by Mr Sciortino on behalf of Barkmit l-Iklin Ltd*

- *2 files with receipts of expenses and of receipts of income from quarry for the years 1998, 1999, 2000, 2001, 2003*
- *Bank statements of account number 18604152029 (BOV) for the years 2003, 2001, 2000, 1999, 1998 (from Jan to Mar are missing)*
- *Bank statement of account number 18604152016 (BOV) for the years 2003, 2001, 2000, 1999, 1998 (April, May and June missing)*
- *Trial Balance of 2003*
- *General Ledger 1998, 1999, 2000, 2001."*

Mill-provi ma jirrizultax li dawn id-dokumenti gew prezentati quddiem it-Tribunal. Kif osserva t-Tribunal skond l-Artikolu 35(3) tal-Kap. 372, l-appellant igorr il-piz tal-

prova li l-istima tkun eccessiva. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti kellha d-dmir li tipprezenta d-dokumenti relatati mal-ispejjez li saru in konnessjoni man-negozju tal-bejgh ta' proprjeta. Il-fatt li fis-sena 2007 id-Dipartiment tat-Taxxi nghata xi dokumenti, m'huwiex bizzejjed. Fil-kors tas-smiegh tal-appell ir-rikorrenti kellha d-dmir li tizgura li d-dokumenti jigu pprezentati fl-atti tal-appell. It-Tribunal jiddeciedi fuq il-provi li hemm fl-atti u mhux provi li li qeghdin ghand xi parti. Ghalkemm ir-rikorrenti ssosnti li:

*"Prova ta' tali spiza kienet inghatat u tirrizulta mill-provi stess u, bid-dovut rispett, tali prova giet kompetament injorata mit-Tribunal.*

*Kif jirrizulta mill-anness Dokument Bart01 sottomess mill-appellat fil-mori tal-appell, jirrizulta illi prova ta' tali spiza kienet gia f'idejn il-Kummissarju u b'hekk tali prova kienet inghatat u inghatat a tempo debito,"*

It-Tribunal hu awtorita gudizzjarja indipendenti mid-Dipartiment tat-Taxxi. Il-proceduri quddiemu ma kinux kontinwazzjoni tal-indagni li saret mid-Dipartiment tat-Taxxi. Quddiem it-Tribunal kull parti nghatat l-opportunita' li tressaq il-provi li riedet. Ladarba r-rikorrenti kienet qeghda tikkontesta l-likwidazzjoni li ghamel l-intimat u meqjus dak li jipprovdi l-Artikolu 35(3) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372), kien fl-interess taghha li tizgura li d-dokumenti jigu pprezentati quddiem it-Tribunal. Ladarba d-dokumenti ma gewx prezentati, il-prova ma tezistix. Ir-rikorrenti ma tistax tilmenta min-nuqqas taghha stess.

Il-qorti zzid li fid-dikjarazzjoni ffirmata fil-31 ta' Mejju 2007, ma jinghadx li d-Dipartiment inghata r-ricevuti relatati mal-ispejjez li saru ghall-izvilupp tal-proprjeta izda dawk relatati mal-barriera. Ghalhekk ma tidhirx korretta d-dikjarazzjoni li hemm fir-Rifjut tal-Oggezzjoni mill-Kummissarju tat-13 ta' Awissu 2008, fejn jinghad: *"L-ircevuti pprovduti kollha kienu relatati man-negozju tal-proprjeta u xejn minnhom ma kien relatat mad-dhul mill-barriera."* Mill-Artikolu 19 tal-Kap. 372 hu wkoll evidenti li m'huwiex bizzejjed li jigu pprezentati l-kotba tal-kummerc, li f'dan il-kaz lanqas ma gew prezentati quddiem it-Tribunal.

Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li nghataw id-dokumenti lill-intimat kellu jwassal sabiex issehh *".... l-inverzjoni tal-oneru tal-prova."* Dan m'huwiex dak li tghid il-ligi.

Fir-rikors tal-appell jinghad ukoll li:

*"L-unika raguni ghaliex il-Kummissarju ma kkoncediex l-ispiza kienet illi skond hu l-esponent kien ircieva royalty u ma ghandhiex tigi koncessa spiza kontra royalties."*

Hawn ukoll ir-rikorrenti hi zbaljata. Il-problema dwar l-ispiza kienet tirrelata wkoll mal-ispejjez li kienet qeghda taghmel ir-rikorrenti fl-izvilupp tal-proprjeta, u li l-intimat illimita ghal 74% tal-valur tal-bejgh ta' proprjeta. L-intimat accetta li saru spejjez pero' mhux fl-ammont li ppretendiet ir-rikorrenti. Ghal dak li jirrigwarda l-barriera, l-intimat dejjem ikkunsidra d-dhul bhala *royalty* u hekk baqa' jsostni. Ghalhekk ghalih il-kwistjoni tal-ispiza kienet irrilevanti u m'hemmx prova li l-intimat qatt accetta l-ispejjez dikjarati mir-rikorrenti. Ovvjament din saret materja rilevanti in vista tal-appell li pproponiet ir-rikorrenti u l-fatt li t-Tribunal qabel mat-tezi taghha li

d-dhul mill-barriera kien kien jidhol fil-kategorija ta' qligh jew profitt min-negozju, ma kienx bizzejjed. Ir-rikorrenti kellha d-dmir li tressaq prova tal-ispejjez li dwarhom kienet tippretendi li ghandha ssir deduzzjoni. Hekk biss it-Tribunal seta jasal ghal konkluzjoni li l-likwidazzjoni tal-intimat kienet eccessiva. F'dan ir-rigward id-decizjoni tat-Tribunal tirrifletti dak li tghid il-ligi, cjoe' li f'appell li jsiru quddiemu t-taxpayer ghandu l-oneru li jipprova li l-likwidazzjoni tal-intimat hi eccessiva (Artikolu 35(3) tal-Kap. 372). Ghalhekk ir-rikorrenti kellha tipprova li saru l-ispejjez li ddikjarat fil-formola u mhux tippretendi li l-intimat kellu xi dmir li jressaq prova kontra.

Fl-ahharnett ir-rikorrent ssostni li ladarba ma rrizultax li kellha *mala fede*, *"…. ma jezistux l-estremi sabiex l-esponenti ibaghti mizuri punittivi bhat-taxxa addizzjonali u mghax punittiv."* Ir-rikorrent m'ghamel riferenza ghall-ebda disposizzjoni fil-ligi tat-taxxa li taghmel l-imposizzjoni tat-taxxa addizzjonali u mghax jiddependu fuq l-intenzjoni tat-taxpayer.

2. **<u>Appell inċidentali tal-appellat</u>.**

Fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2016, il-qorti ssollevat eccezzjoni *ex officio* dwar il-validita' tal-appell incidentali gialadarba fil-parti dispozittiva tas-sentenza tat-Tribunal m'hemmx decizjoni kontra l-intimat. Fis-sentenza it-Tribunal qal li ghalkemm id-dhul tas-socjeta rikorrenti mill-koncessjoni favur Joseph Magri bis-sahha tal-iskrittura privata tad-9 ta' Jannar 1996 hu trading income u mhux *royalties*, ir-rikorrenti ma pprovatx l-aggravji l-ohra u ghalhekk *"…. l-appell taghha minn tali Likwidazzjoni tat-Taxxa ma jisthoqqx li jigi miqlugh."* Ezatt wara hemm il-parti dispozittiva tas-sentenza li taqra:

*"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad l-appell tas-socjeta rikorrenti mill-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 2000 u jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni tat-Taxxa.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportanti mis-socjeta rikorrenti.*

*A tenur tal-Artikolu 35(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li Avviz ta' din id-decizjoni ghandu jintbaghat lid-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jordna li kopja tal-istess Avviz tigi notifikata jew personalment jew bil-posta registrata lis-socjeta rikorrenti u ghandu jinforma lill-istess socjeta rikorrenti bid-drittijiet taghha ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Għalkemm it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad l-appell tas-socjeta` appellanti, l-intimat xorta deherlu li ghandu jappella kontra dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal li ddikjarat li parti min-negozju oggett tal-likwidazzjoni tal-istess likwidazzjoni tat-taxxa ma kinitx *royalty*[2] izda bejgh. Ladarba l-appell tar-rikorrenti gie michud, l-intimat jista' jappella minn parti mill-motivazzjoni tas-sentenza ?

Inghad minn din il-qorti[3] li:

***"din il-Qorti ssib pjuttost stramb il-fatt li parti vinċenti f'ġudizzju tappella, anke incidentalment, mill-parti razzjonali, ossija minn motivazzjoni singolari, tas-sentenza.*** *Motivazzjoni li mbagħad fuq kollox ma sabitx postha fid-dispozittiv tal-istess sentenza bħala xi wieħed*

---

[2] Kif jippretendi l-intimat.
[3] Imhallef P. Sciberras.

*mill-kapi tagħha, u għalhekk ma tistax lanqas titqies bħala xi dikjarazzjoni deċiżiva jew obbligatorja, kif irid l-Artikolu 219 tal-Kap 12."*[4]

Il-qorti kompliet:

*"Il-Qorti tifhem illi bl-espressjoni "kap wieħed jew izjed ta' kull sentenza" adoperata fl-Art 240 tal-Kap 12, jew f'disposizzjonijiet oħra sparsi fil-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn tissemma l-kelma "kap", il-liġi qed tirreferi espressament għall-kapi fil-parti operattiva tas-sentenza. Kapi li minnhom l-attur appellat jista' jappella inċidentalment jekk isib ruhu sokkombenti, jew għal kwalsiasi raguni, avversament kolpit. Dan ma jidhirx li hu l-kaz hawnhekk billi kif inghad l-attur appellat m'appella minn ebda kap bhal dan izda biss minn certa motivazzjoni; anke jekk, kif manifest fl-investigazzjoni tal-appell principali, din il-motivazzjoni kienet fil-fehma tal-Qorti zbaljata tant li ma gietx minnha addottata. Ghal ragunijiet purament procedurali l-Qorti tqis l-appell incidentali bhala inammissibbli u ghalhekk qed jiġi rigettat."*

Ragunament logiku u li ma jidhirx li hemm raguni ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fir-rigward tas-sentenza tat-Tribunal. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li dak li qieghed jilmenta dwaru l-intimat, m'huwiex rifless fil-parti dispozittiva tas-sentenza. Id-dikjarazzjoni tat-Tribunal li d-dhul mill-barriera ma kienx jikkwalifika bhala *royalty*, kuntrarjament ghal dak li kien qieghed isostni l-intimat, ma kellha l-ebda mpatt fuq id-decizjoni finali tat-Tribunal gialadarba xorta cahad l-appell tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk l-ezercizzju li l-intimat irid lil din il-qorti taghmel mhu ser ikollu l-ebda mpatt fuq is-sentenza tat-Tribunal u hu biss ezercizzju akkademiku. Appell m'ghandux iservi dak l-iskop.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari, bl-ispejjez kontra l-appellat.**
2. **Tichad l-appell tas-socjeta appellanti, bl-ispejjez a karigu taghha.**
3. **Tiddikjara null l-appell incidentali tal-intimat, bl-ispejjez a karigu tieghu.**

Anthony Ellul.

4 **Pace vs Unscheduled Bus Service**, 15.12.2003.